Kitba ta'
Dr. Ugo Mifsud Bonnici
Ex-President ta' Malta

# Bormla u Luigi Pirandello (1867-1936)

Għal xi raġuni, li qatt ma sibt, waqt li dar missieri kienet miżgħuda bil-kotba u barra minn kotba legali, politiċi u storiċi, reliġjużi, kellna wkoll, bl-abbundanza, kotba ta' letteratura, bil-lingwi kollha, u fost dawn, barra milli bil-Malti, bit-Taljan, bil-Latin u bl-Ingliż, u waqt li l-awturi ta' dawn il-kotba kien mhux biss l-awturi klassiċi, iżda wkoll kittieba ta' żmienu, ma kellniex ktieb wieħed li huwa wieħed, ta' Pirandello.

Sakemm dħalt l-università, xahar wara li miet missieri, ma kont għadni qrajt xejn ta' dan l-awtur, iżda l-Professur tat-Taljan Giovanni Curmi ħajjarni nibda naqra, mhux biss id-drammi tiegħu, li ghamluh famuż mad-dinja kollha, u qallgħuh il-Premju Nobel, iżda wkoll ir-rumanzi, fosthom *Il fu'Mattia Pascal*, li kellna nistudjaw bħala test, iżda wkoll in-*Novelle per un anno*, li hi ġabra ta' novelli, il-biċċa l-kbira ambjentati fi Sqallija.

Bdejt niskanta bi kliem, espressjonijiet, u ħsibijiet qrib ħafna għal tagħna. Iżda l-iktar li skantajt meta ltqajt ma' novella li fiha tissemma *Burmola*. Allura għarbilt ftit ieħor fuq il-familja ta' Luigi Pirandello. U sibt għaliex kienet issemmiet il-Belt tagħna. Fil-fatt sibt illi missier ommu għamel żmien jgħammar fostna, kien miet u ndifen hawnhekk. Fin-novelli l-isem tal-post fejn twieled Luigi Pirandello, qalbu mid-djalett Sqalli: Kavusu, biċċa minn Port Empedocle, il-port ta' Girgenti għal forma antika Griga: Kaos.


*Il-knisja tal-Patrijiet Kappuċini.*

Giovanni Ricci Gramitto kien avukat minn Girgenti, illum Agrigento, u kien organizza r-rbelljoni kontra r-rejiet burbuni f'Palermo fl-1848, u meta ġie ffurmat il-gvern provvisorju ta' Ruggiero Settimo, kien inħatar wieħed mill-ministri. Iżda r-Re Ferdinando rnexxielu jirritorna u jokkupa lura Sqallija. Ipproklama amnestija, iżda Giovanni Ricci Gramitto kien

eskluż, u għalhekk, f'nofs ta' lejl kellu jaqbad xprunara minn Girgenti u jitlaq għal Malta bil-mara u sebat itfal, erba' subien u tlett ibniet (ta' qabel ta' l-aħħar kien jisimha Caterina, li saret omm Luigi Pirandello), u b'ta' fuqu senduqu. Il-Gvern Ingliż f'Malta kien jagħti rifuġju lill-eżiljati Taljani, ta' naħa u ta' oħra. Giovanni kera post f'Bormla. Nafu li kien imantnih lilu u lill-familja, ħuh li kien Kanonku u li kien mhux biss iżomm mar-Re, iżda kien ordna Te Deum fil-Katidral meta ġie lura.

Ta' tmienja u erbgħin sena l-avukat Ricci Gramitto miet f'Bormla u ndifen imbagħad fil-knisja tal-Kapuċċini tal-Kalkara. Il-familja tiegħu reġgħu lura Sqallija, f'Girgenti u laqagħhom iz-ziju Kanonku, li għallimhom. Tnejn minnhom saru avukati, iżda ma jidhirx li qalibhom politikament għaliex wieħed mill-aħwa kien logotenent ta' Garibaldi u kien ħa lura miegħu f'Girgenti wara l-gwerra l-istivali mimlija demm ta' Garibaldi bħala rikordju. Din l-istorja drammatika tal-familja ta' ommu Luigi Pirandello ma nsieha qatt. In-nannu Giovanni, għalkemm ma kienx jafu, baqa' figura mitika u erojka.

Ma naħsibx li Pirandello qatt ġie Malta, personalment. Għaliex bil-ħsieb ġie żgur. Anzi ġie ***Burmola***, u biex il-qarrejja Taljani ma jaqrawhiex ħażin u jitfgħu l-aċċent fuq l-o, żied aċċent fuq l-u. ***Bùrmola.*** Ir-rakkonti ta' ommu ta' dik il-ħarba bil-lejl u dik il-mewt ta' missierha, qasir l-għomor fil-Belt Maltija ta' Bormla, jidher li ħallew fuqu impressjoni kbira.


# Cutting Edge
## Hair & Beauty Salon

Unisex Salon by **Dorianne Camilleri**
**3, St. Margaret Street, Cospicua • Tel: 2180 7976**
***We've got the complete treatment for you.***

**• Head Massage & Hairdressing courses also available.**

**Immerse yourself in a world of Relaxation**
by **Josianne Spiteri C.I.B.T.A.C.** Beauty Therapist

• Facial treatments • Waxing – Electrolysis
• Manicure & Pedicures • Slimming treatments
• Body Massage • Nail Extensions & Nail Art
• Make-Up for All Occasions • Make-up Lessons